**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 4 ta' Frar, 2020**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Hubert Cini)**

**Vs**

**GRAZIO ATTARD**

Kump Nru 336/2019

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Grazio Attard**, detentur tal-karta tal-identità Numru **82057M**, imwieled Zejtun nhar il-25 ta' Jannar 1957

Billi inti akkużat Talli nhar l- 04 ta' Mejju 2019, għal ħabta tal- 09:45 hrs., u 11:00 hrs fil-fond 35 Triq Sant' Elija il- Fgura , f'Malta

mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġunajt ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tal- mara tiegħek Louise Attard, ġrieħi ta' natura hafifa, jew iġibilha disordni f'moħħha kif iċċertifikat Dr A.Baldacchino Reg. No. 2180 mic-

Centru tas- Sahha, Paola u dan bi ksur tal-Artikli 214,215, 221 (1), 222 (1) (a) tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9.

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħebbejt għall-persuna ta' Louise Attard sabiex tinġurjaha, idejjaqha jew tagħmillha ħsara kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi bi ksur tal-Artiklu 339 (d) tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9.

Talli fl-04 ta' Mejju 2019 u fil- granet u fix-xhur ta' qabel, kemm  fil-fond 35 Triq Sant' Elija il- Fgura  Malta u f'postijiet ohra f' Malta, ikkagunajt  lil Louise Attard biza li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti u dan bi ksur tal-Artiklu 251 B tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta` tal-imsemmija Louise Attard, u minn issa tapplika l-proveddimenti tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tagħmel Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa. F'każ ta' ħtija l-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta` ta' Louise Attard ai termini tal-Artiklu 383 et. seq. tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-Gurament;

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali tal-4 ta' Gunju, 2019, a fol numru 11;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet is-sottomissjoniet finali;

**Ikkundisrat;**

Illi apparti l-provi dokumentarji pprezentati mill-Ufficjal Prosekutur fl-udejnza tallum, l-uniku xhud li ressqet il-prosekuzzjoni u cioe, Louise Attard, hadet il-gurament u dikkjarat li ma riditx tixhed kontra zewgha l-imputat u li kienet qed tirrinunzja ghall-

azzjoni kriminali. Gara illi, in vista ta' din id-dikjarazzjoni ta' Louise Attard, il-prosekuzzjoni iddikjarat li ma kellix iktar provi xi tressaq.

Illi dan kollu jindika li dan huwa wiehed mill-hafna kawzi tipici fejn naha taghmel rapport kontra in-naha l-ohra w imbaghad dak jew dik li tkun ghamlet ir-rapport tkun trid li minnufih jieqfu il-proceduri kontra in-naha l-ohra. Il-Pulizija tkun ghamlet id-dover taghha, kif fil-fatt sar f'dan il-kaz, tkun hadet azzjoni immedjata, izda meta il-kaz jigi quddiem il-Qorti, kif gara f'dan il-kaz, il-kaz tal-prosekuzzjoni jisfuma fix-xejn u dan ghar-raguni illi il-*complainant* tkun trid twaqqaf kollox.

Sfortunatament dawn it-tip ta' kawzi qed ikun hawn hafna minnhom u huma ta' frustrazzjoni enormi kemm ghall-Pulizija li tkun irciviet ir-rapport, kemm ghall-ufficjali fi hdan id-*domestic violence unit*, kif ukoll ghall-Qrati ghall-hela tal-hin.

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, ISSIB U TIDDIKJARA LILL-IMPUTAT MINHABBA NUQQAS TA' PROVI, MHUX HATI TAL-AKKUZI KIF DEDOTTI KONTRA TIEGHU U MINNHOM TILLIBERAH SKONT IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur